newsbook.com.mt

MADWAR IL-ĦAJJA

# Il-Victoria Scout Group jieħu sehem fi proġett Eramus+ tal-Unjoni Ewropea

*Jesmar Baldacchino - 31/07/15 07:49 PM*



Il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo żar id-Dwejra fejn il-Victoria Scout Group qed jikkampjaw waqt il-kamp annwali tas-sajf ta' din is-sena.

110 *scouts* mill-Victoria Scout Group qed jikkampjaw. Flimkien mal-i*scouts* Għawdxin hemm 48 *scout* barrani li ġejjin mill-Maċedonja, l-Bulgarija, il-Polonja u l-Iżvezja. Din iż-żjara hi proġett ta' Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea.

Din hi l-ewwel darba li l-Victoria Scout Group qed jieħu sehem fi proġett ta' dan it-tip.

Lorrie Saliba, il-Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group tenna li dan it-tip ta' kamp ilu jsir mis-sena 1963.

Qal li din is-sena hija l-ewwel darba li l-Victoria Scout Group qed jieħu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea, Erasmus+.

Proġett intitolat S.C.OUT.E.D.  Dan il-kamp li beda fl-24 ta' Lulju ser jintemm fit-3 ta' Awwissu.

Lorrie Saliba qal li bħala parti minn dan il-kamp isir *clean-up* tad-Dwejra kif ukoll jiġu organizzati diversi attivitajiet għan-nies bi bżonnijiet speċjali.

Dawn l-attivitajiet ilhom isiru għal dawn l-aħħar 24 sena.

Kull sena jsir ukoll BBQ magħruf bħala *traditional scout camp fire* għal aktar minn 500 persuna.

Il-qligħ minn dan il-BBQ ser imur għall-Community Chest Fund.

Huwa tenna wkoll li bħala parti mill-proġett S.C.OUT.E.D se jżuru lill-anzjani ta' San Lawrenz kif ukoll se jsir *tour* kulturali madwar Malta.

Saret ukoll quddiesa fil-kamp mill-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona.

Ritratt: MGOZ - George Scerri